.

# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 2 ta' Lulju 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 1777/99mm**

**Joseph Azzopardi esercenti l-kummerc bl-isem Victor Azzopardi of Emanuel Azzopardi 1898**

**vs**

**Wallace Fino**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fis-6 ta' Dicembru 1999 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' Lm1,000 liema somma tirrappresenta prezz mhux imhallas ta' arlogg u brazzuletta lilu mibjugha u kkonsenjati, kif jidher mill-kopja tal-istatement hawn anness bhala Dok "A".

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Settembru 1999 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

Fl-ewwel lok il-konvenut jichad it-talba ta' l-attur stante illi din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Fit-tieni lok il-konvenut mhuwiex debitur tal-attur stante illi l-ammont ta' Lm1000 pretiz mill-attur diga gie mhallas mill-konvenut.

Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tal-attur hija preskritta skond l-artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bil-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju 2001 il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut. B'din l-eccezzjoni l-konvenut qed jinvoka favur tieghu l-artikolu 2148 (b) tal-Kap 12 li jippreskrivi terminu ta' tmintax-il xahar ghall-azzjoni attrici.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut xtara minghand l-attur arlogg u brazzuletta bil-prezz ta' elf lira (Lm1,000) fit-22 ta' Dicembru

1997. Il-konvenut ma ghamilx pagament dak il-hin izda jidher illi wieghed lill-attur illi ser ihallsu aktar tard. Wara xi tlett xhur l-attur cempel lill-konvenut u qallu li kien ghadu ma rceviex il-pagament. Il-konvenut irrispondieh biex jiehu pacenzja peress illi qed jaqbel il-generu tan-negozju tieghu u qallu biex l-*statements* jibghathomlu fil-fond il-gdid tieghu maghruf bhala “Day to Day Supermarket” Valley Road, B’Kara.

L-attur ighid illi baghat *statements* kull xahar, u darba minnhom f’Settembru 1998 anke ltaqgha mal-konvenut fl-ajruport ta’ Fuimicino Ruma. Hawnhekk il-konvenut qallu li ghad irid jarah u hallieh b’hekk. L-attur ipprova jikkomunika mal-konvenut kull l-ahhar tax-xahar, izda qatt ma rnexxielu. Ghal habta ta’ Ottubru u Novembru 1998 l-attur sar jaf l-ewwel darba illi l-konvenut kien qed jallega l-pagament peress illi dak iz-zmien kien qallu li baghat lil xi hadd b’zewg pagamenti ta’ hames mitt lira-il wahda (Lm500). Filwaqt illi l-attur innega illi ircieva dawn il-flus baqa ma ghamel xejn ghal xi zmien u kien biss f’Dicembru illi mar ghand avukat u ntbaghtet ittra fit-30 ta’ Dicembru 1998. Wara din l-ittra xorta ma sar xejn u l-avukat tal-konvenut baghat risposta datata 23 ta’ Awissu 1999 fejn hawnhekk reggha tenna illi saru zewg pagamenti fi Frar u Marzu 1998.

Filwaqt illi din il-Qorti ma tistax ma tinnutax certa inefficenza u traskuragni da parti tal-legali tal-konvenut illi jibghat risposta tminn xhur wara li jkunu rcevew ittra, l-Qorti pero’ ma tistax ma ticcensurax ukoll lill-attur ghal mod disinvolt kif jiehu hsieb l-interessi tieghu. Meta ma gietx risposta fi zmien ragonevoli ghall-ittra tieghu tat-30 ta’ Dicembru 1998, l-attur messu agixxa

immedjatament u mhux halla dan iz-zmien kollu jistenna tminn xhur biex jircievi risposta kumdita tal-konvenut u wara ssir ittra ufficjali. Il-kawza giet ippresentata fis-6 ta' Dicembru 1999, sena wara li ntbaghtet l-ewwel ittra interpellatorja.

Jekk il-konvenut kien *in mala fede* u dam ma jwiegeb l-ittri ghal talapposta biex jirbah iz-zmien, l-attur minn nahha l-ohra kien traskurat billi tah il-habel li ried biex b'hekk lahaq ghaddielu z-zmien ghall-azzjoni odjerna.

L-attur ighid li l-ahhar darba li kellem lill-konvenut kien qabel ma ha l-passi bl-avukat u ippresenta din il-kawza. Ir-risposta illi tah il-konvenut hija pjuttost neboluza u ma tistax titqies bhala rikonoxximent tad-dejn. Fil-fatt ir-risposta kienet *"ma tarax, tidhol il-Qorti mieghi!".* Il-Qorti ma tahsibx illi din id-dikjarazzjoni tista sservi ta' rinunzja ghal fini tal-ligi. Fil-kawza Carmelo Micallef vs John Belle Mc Chanse (Vol XXX V pt I pg 101) il-Qorti qalet "ir-rinunzja ghal preskrizzjoni ghandha tigi provata b'mod car u konkludenti u ma tistax tigi ammessa meta hija bbazata fuq atti u fatti illi ma humiex univoci u jistghu jaghtu lok ghal interpretazzjonijiet diversi." Ara wkoll Silvio Frendo et vs Andrew Faenza Qorti ta' l-Appell 2 ta' Gunju 2000. Il-Qorti jidhrilha illi ma hemm xejn car u konkludenti bir-risposta li kien ta l-konvenut ghad-domanda ta' l-attur. Ma hemmx dubbju, illi t-terminu invokat favur l-konvenut ghadda kif kontemplat mill-ligi. Il-bejgh sar fit-22 ta' Dicembru 1997 u l-ittra ufficjali jekk notifikata saret fit-28 ta' Settembru 1999, wara illi kien diga ghadda t-terminu msemmi fl-artikolu 2148 (b) tal-Kap 12, ghalhekk meta giet

intavolata din il-kawza fis-6 ta' Dicembru 1999 l-azzjoni attrici kienet gia preskritta.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut u konsegwentement tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit
Dep Reg